# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 24**

**Ċitazzjoni numru 505/02/2 AF**

**World Marketing Services Limited**

**v.**

**Lift Services Limited u b'digriet tat-12 ta' Ġunju 2002 ġiet imsejħa fil-kawża Engineering Services Limited u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Frar, 2004 ġiet awtorizzata korrezzjoni fl-isem tas-soċjeta`` konvenuta u l-kelma "Lift" trid tinbidel għall-kelma "Lifts"**

1. Dan huwa appell wara kawża mibdija mis-soċjeta` attriċi appellanti li kienet ikkonkludiet skrittura privata mas-soċjeta` konvenuta Lifts Services Limited għall-installazzjoni ta' żewg *passenger lifts.* Dan kien wara sejħa għall-offerti li kienet ġiet preparata mis-soċjeta` kjamata in kawża Engineering Services Limited. Waħda mill-kondizzjonijiet ta' din is-sejħa kienet li kull *lift* kellu jkollu l-kapaċita` li jġorr tmien passiġġieri.

Is-soċjeta` attriċi premettiet li minkejja dan, wara li l-*lifts* ġew installati, irriżulta li l-kapaċita` interna ta' dawn il-*lifts* ma kinitx ta' aktar minn erba' persuni, u li wara li nterpellat lis-soċjeta` konvenuta sabiex tikkonforma mal-kondizzjonijiet stipulati din qalet li ma kienx possibli li jiġu installati *lifts* b'kapaċita` interna ta' tmien persuni mingħajr ma jsiru tibdiliet strutturali fil-fond. Is-soċjeta` attriċi tilmenta li hija għamlet diversi spejjeż għal *lifts* in kwistjoni, u nkorriet spejjeż u telf ta' qliegħ in konnessjoni mad-demwien ikkaġunat mid-dewmien fl-installazzjoni ta' servizzi oħra fl-istess fond u mad-dewmien fl-avvjament tal-istabbilment tagħha, u dan minħabba l-inadempjenza tas-soċjeta` konvenuta.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li z-zewg passenger lifts provduti mis-socjetà konvenuta mhumiex tal-kwalità pattwita u konsegwentement tirrexxindi, tannulla u thassar il-bejgh taghhom u l-appalt tas-servizzi stipulati in konnessjoni mal-installazzjoni u manutenzjoni taghhom.
>
> 2. Tiddikjara lis-socjetà konvenuta kontrattwalment inadempjenti fil-konfront tas-socjetà attrici u responsabbli ghad-danni sofferti bhala konsegwenza ta' tali inadempjenzi kontrattwali u tillikwida tali danni.
>
> 3. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex tirrifondi l-prezz imhallas mis-socjetà attrici in konnessjoni mal-bejgh indikat fl-ewwel talba u in konnessjoni mal-ghoti ta' servizzi relatati mal-istess bejgh kif ukoll li thallas id-danni hekk dikjarati u likwidati in konsegwenza tat-talbiet precedenti.
>
> Bl-imghax u bl-ispejjez, bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji tas-socjetà konvenuta minn issa in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi."

3. Lifts Services Limited eċċepiet, *inter alia,* illi dak kollu li qed tippretendi s-soċjeta` attriċi mhux minnu jew almenu mhux kollu minnu, li s-soċjeta` attriċi approvat dak kollu li l-ewwel ħejjiet u wara lestiet is-soċjeta` konvenuta, li s-soċjeta` attriċi kienet mgħejjuna mit-tekniċi tagħha li approvaw kemm it-tender u kif ukoll il-prodott finali mogħti lis-soċjeta` attriċi u anke li jsir pagament mis-soċjeta` attriċi.

4. Engineering Services Limited ġiet kjamata in kawża permezz ta' digriet datat 12 ta' Ġunju 2002 u eċċepiet, *inter alia,* illi hija m'hijiex leġittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet attriċi li jirreferu esklussivament għar-relazzjoni kontrattwali bejn is-soċjeta` attriċi u Lifts Services Limited u li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru 2016 ġie deċiż hekk :

> "Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà kjamata fil-kawża Engineering Services Limited billi tiddikjara li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u b'hekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, tiċħad l-istess talbiet attriċi.
>
> Spejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà attriċi b'dan illi l-ispejjeż tas-soċjetà kjamata fil-kawża Engineering Services Limited għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta Lifts Services Limited."

6. Is-soċjeta` attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-1 ta' Novembru 2016 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tannulla, tħassar u tirrexxindi s-sentenza appellata u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom u billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-konvenuti jew min minnhom.

7. Is-soċjeta` kjamata in kawża Engineering Services Limited preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-23 ta' Novembru 2016 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tas-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellanti jew kontra Lift Services Limited.

8. Is-soċjeta` konvenuta Lifts Services Limited preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-30 ta' Jannar 2017 permezz ta' liema ssottomettiet li dan l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

Ikkonsidrat;

L-Ewwel Aggravju

9. Permezz tal-ewwel aggravju s-soċjeta` appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti marret kontra l-prinċipju *contra scriptum non est argumentum.* Tikkontendi li l-Ewwel Qorti xeħtet fuqha l-oneru tal-prova tal-ftehim, meta dan kien jirriżulta minn kuntratt miktub u ssostni li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha titfa' fuq is-soċjeta` konvenuta l-oneru sħiħ tal-prova tal-allegazzjoni li kien hemm ftehim kontra dak mitkub. Tilmenta dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li hija kellha tivverifika jekk id-daqs tax-*shaft* kienx biżżejjed sabiex jakkomoda *lift* ta' tmien persuni, u żżid li fi kwalunkwe` każ l-Inġinier Aquilina, bħala professjonist, messu rrifjuta li joħroġ *tender* għal ħaġa impossibbli. Targumenta li appaltatur li jaf minn qabel li l-appalt huwa impossibbli għandu jirrifjutah u jekk jiskopri li huwa impossibbli wara li jkun aċċettah għandu jitterminah minnufih. Iżżid li jekk kien possibbli, kif fil-fatt kien, li jsiru alterazzjonijiet strutturali sabiex l-appalt ikun jista' jiġi esegwit, allura tali mpossibbilita` ma teżistix. Tgħid li x-xhieda tal-Inġinier Aquilina tmur kompletament kontra ċ-ċertifikat tiegħu nnifsu, u x-xhieda ta' Charles Farrugia m'hijiex korroborata u hija kontradetta mix-xhieda ta' Franco Gove. Tgħid li l-fatt li l-Inġinier Aquilina qatt ma ġie kontro-eżaminat ma jfissirx li qal il-verita` jew li l-verżjoni tiegħu ġiet aċċettata, għaliex bid-dikjarazzjoni tiegħu l-Inġinier Aquilina assuma l-oneru tal-prova, liema prova huwa ma ressaqx. Tgħid ukoll li hemm kontradizzjoni fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, għaliex l-Ewwel Qorti kkonsidrat li ċ-ċertifikazzjoni tal-Inġinier Aquilina ma titkellimx fuq numru ta' persuna iżda fuq piż, imbagħad tikkonsidra li biċ-

ċertifikazzjoni tiegħu l-Inġinier Aquilina approva li l-*lifts* kienu jissodisfaw il-kriterji kollha tal-kuntratt.

10. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti skartat kompletament ir-rapport u x-xhieda tal-Inġinier Cardona ħlief għal xi dettalji żgħar, u dan minkejja li l-Inġinier Spiteri ma ċaħadx li l-Inġinier Cardona kien ħadem fuq il-parir li tah hu stess u ma setax jispjega kif allura waslu għall-konklużjoni dijametrikament opposta. Targumenta li independentement mill-kwistjoni tas-saħħa tal-magna, punt li kulħadd qabel fuqu, inkluż l-espert ġudizzjarju huwa li d-daqs tal-kabina nnifisha ma tippermettix li jidħlu fiha tmienja min-nies. Tgħid li l-pjanta ffirmata minn Franco Gove m'għandha l-ebda relevanza għaliex ġiet iffirmata qabel il-kuntratt, u l-kuntratt jistipola li l-*lifts* għandhom ikunu ta' tmien passiġġieri kull wieħed. Skont is-soċjeta` attriċi, fejn ikun hemm diskrepanza rrikonċiljabbli bejn il-korrispondenza u l-kuntratt finali, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li huwa l-kuntratt finali li jħoll u jorbot. Jgħidu li m'huwiex minnu li kienet "fairy tale request" li jiġu nstallati żewġ lifts ta' tmien passiġġieri kull wieħed għaliex dan kien ikun possibbli li kieku l-kabini nħadmu *custom-made* hawn Malta. Tgħid li fi kwalunkwe` każ hija kienet lesta li tagħmel l-alterazzjonijiet strutturali kollha neċessarji, inkluż li twaqqa' x-*shafts* u terġa' tibnihom mill-ġdid, u fil-fatt l-alterazzjonijiet kollha mitluba mis-soċjeta` konvenuta kienu saru mingħajr problemi. Iżidu li fi kwalunkwe` każ, appaltatur li jidħol għal appalt huwa obbligat li jesegwixxi x-xogħol

skont l-arti u s-sengħa, u jekk l-istruzzjonijiet tal-appaltant ma jippermettulux li jesegwixxi x-xogħol skont l-arti u s-sengħa, huwa għandu l-obbligu li jirrifjuta li jesegwixxi l-appalt. Tilmenta wkoll li l-espert tekniku rrifjuta li jikkonsidra x'responsabbilita` seta' kellu l-Inġinier Aquilina jekk l-appalt, kemm it-*tender* u kemm il-kuntratt redatti minnu, kienu "*a fairy tale request.*"

11. Dwar il-kwistjoni tal-aċċessibilita` tal-*wheelchairs* targumenta li l-liġi hija ċara u m'hemmx derogi minnha u l-kuntratt kien jistipola ċar li l-*lifts* riedu jirrispettaw ir-regolamenti u l-liġijiet kollha applikabbli. Skont is-soċjeta` appellanti għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-kuntratt jistipula espressament li l-*lifts* kellhom jesgħu l-*wheelchairs.* Jargumentaw illi mill-provi jirriżulta li s-*showroom* hija aċċessibbli għall-klijenti bil-*wheelchair* billi għandha rampa permanenti tal-granit fl-entratura fejn jidħlu l-klijenti, u hija biss l-entratura laterali tal-impjegati li teħtieġ l-użu ta' rampa mobbli tal-injam. Iżżid li l-kabini tal-*lifts* setgħu jakkomodaw *wheelchairs* li kieku saru *custom-made* u li fi kwalunkwe` każ is-soċjeta` konvenuta, bħala appaltatriċi, qatt ma tista' taċċetta struzzjonijiet tal-appaltant li jmorru kontra s-sengħa u l-arti jew kontra r-regolamenti viġenti.

12. Targumenta wkoll li qatt ma seta' jkun hemm ftehim verbali jew mod ieħor li l-*lifts* ma jkunux jirrispettaw ir-regolamenti in materja, billi

ftehim simili qatt ma jista' jkollu l-ebda validita` u l-appaltatur huwa dejjem responsabbli sabiex jesegwixxi l-appalt skont ir-regolamenti u r-rekwiżiti tas-sengħa u l-arti.

13. Is-soċjeta` kjamata in kawża Engineering Services Limited tirribatti li mill-provi jirriżulta li sa mill-bidu nett is-soċjeta` attriċi kienet konsapevoli li ma kienx possibbli li jiġu nstallati *lifts* ta' tmien persuni minħabba d-daqs tax-*shafts.* Tgħid li ma sar xejn bil-ħabi u s-soċjeta` attriċi aċċettat dak kollu li kien qiegħed isir mill-konvenuta b'għajnejha miftuħin u għalhekk ma tistax issa tilmenta min-nuqqas ta' xi kwalita` miftehma.

14. Is-soċjeta` konvenuta Lifts Services Limited targumenta li kif tgħid is-soċjeta` attriċi stess, is-soċjeta` attriċi kienet inkarigat nies professjonali sabiex jagħtuha parir fuq dak li riedet tagħmel qabel ma ngaġġat lis-soċjeta` konvenuta, u għalhekk hija ma tistax tinstab responsabbli għal dak allegat mis-soċjeta` attriċi. Tgħid li l-binja tas-soċjeta` attriċi kienet diġa` lesta, inkluż ix-*shafts* fejn kellhom jiġu installati l-*lifts,* u d-daqs ta' dawn ix-*shafts* kien dak li kien u hija kellha tinstalla *lifts* f'dawn ix-*shafts* abbażi tal-kapaċita` relattiva tagħhom. Iżżid li d-diriġenti tas-soċjeta` attriċi kienu jafu li d-daqs ta' dawn ix-*shafts* ma kienx jakkomoda *lift* ta' tmien persuni, mhux biss għaliex jirriżulta *ictu oculi* iżda għaliex il-konsulenta stess tas-soċjeta` attriċi, u ċioe` Engineering Services Limited, kienet qaltilhom dwar dan, u għaliex hija kienet tathom

pjanta tal-*lifts* li kienu ser jiġu nstallati. Tirrileva li mix-xhieda ta' Oliver Aquilina tal-1 ta' Marzu 2004 jirriżulta li l-idea tas-soċjeta` attriċi kienet li jinħareġ *tender* xorta wahda għal *lifts* ta' tmien persuni imbagħad "naraw x'nistgħu indaħħlu fiha." Iżżid li Charles Farrugia kkonferma li l-*lifts* installati minnha kienu jifilħu piż ta' tmien persuni, iżda minħabba d-daqs tal-kabina m'huwiex possibli li jiġu akkomodati tmien persuni fil-*lift.* Jgħid li mhux biss ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni mis-soċjeta` attriċi meta hija qaltilha permezz ta' ittra datata 1 ta' Settembru 2010 li l-kabina tal-*lifts* ma kinitx ser tkun kbira biżżejjed għal tmien persuni, iżda anzi din l-ittra ġiet aċċettata u ttimbrata mis-soċjeta` attriċi, u l-kuntratt ta' appalt kien ġie ffirmat xi xahrejn wara. Iżżid illi waqt li kienu qed jiġu nstallati l-*lifts* kienet tinżamm laqgħa fuq il-post kull gimgħa u għalhekk minn dejjem kien evidenti li l-*lifts* ma kinux kbar biżżejjed għal tmien persuni.

15. Dwar l-argument tas-soċjeta` attriċi li l-*lifts* ma jakkomodawx *wheelchairs* tgħid illi dan l-ilment huwa fieragħ għaliex la darba ma kienx speċifikat fit-*tender* hija ma kellha l-ebda obbligu li tinstalla *lifts* għal tali użu. Iżid li fi kwalunkwe` każ lift li jakkomoda *wheelchair* ma setax jiġi installat fuq il-post għaliex ix-*shaft* m'huwiex kbir biżżejjed. Tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni sabiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku kif qed tippretendi s-soċjeta` attriċi, u dan partikolarment ikkonsidrat il-fatt li s-soċjeta` attriċi rtirat it-talba li kienet għamlet għan-nomina ta' periti perizjuri. Tgħid li m'huwiex minnu dak argumentat mis-

soċjeta` attriċi li kienu saru xi alterazzjonijiet strutturali sabiex jiġu akkomodati l-*lifts* mitluba. Issostni li l-argument tas-soċjeta` attriċi li l-espert maħtur mill-Ewwel Qorti kellu kunflitt ta' interess u li r-rapport huwa *biased* huma allegazzjoni mhux pruvati mis-soċjeta` attriċi, u li l-Inġinier Cardona mqabbad minnha ammetta huwa stess li l-*lifts* m'humiex speċjalizzazzjoni tiegħu u li għandu verament ftit esperjenza fuq din il-materja.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Għal dak li jirrigwarda kunsiderazzjonijiet ta' dritt fil-mertu, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Debono vs Uskin Ltd, deċiża fit-28 ta' Marzu 2008 osservat:
>
> Ma hemmx dubbju illi l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jqis bhala rilevanti l-kwalità jew kwalitajiet li huma essenzjali ghall-uzu tal-haga jew li jifformaw l-oggett ta' xi impenn kontrattwali specifiku, u li in mankanza, jintitolaw lix-xerrej li jagixxi ghar-rizoluzzjoni jew ghar-riduzzjoni tal-prezz. Huma dawn anke skont id-dottrina legali r-rimedji generali esperibbli mix-xerrej f'kaz ta' inadempiment. Ara Bianca "La Vendita e la Permuta", Unione Tipografica – Editrice Torinese, 1972, pac. 845 et sequitur)."
>
> Hekk ukoll fis-sentenza Paul Galea pro et noe vs Carmel Galea, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2003, intqal hekk dwar l-artikolu 1390:
>
> > "Dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien daħal fiha li jakkwista l-oggett mingħand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalità mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorità tal-Qorti (Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs Pauline Buhagiar nomine, Appell Ċivili, 28 ta' April 2000)."
>
> Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet David Pace vs Tony Vella, deċiża fit-12 ta' Novembru 2013:

> "Il-forma guridika tar-rifjut hi komunement meqjusa bhala d-depozitu formali tal-oggett permezz ta' cedola fil-Qorti u f'kazijiet ta' oggetti kbar id-depozitu fiziku tal-oggett ghand konsinjatarju."

Il-Qorti hija sodisfatta li s-soċjetà attriċi rrifjutat dawn il-lifts kif trid il-liġi u kif huwa aċċettat fil-ġurisprudenza. Għalkemm jirriżulta li s-soċjetà attriċi ilmentat minn dawn il-lifts xhur wara li ġew installati, il-partijiet jaqblu li għal xhur sħaħ dawn ma kienux aċċessibli peress illi xogħolijiet kienu għadhom għaddejjin fil-binja u allura l-lifts inżammu magħluqin sabiex ma ssirilhomx ħsara kif ukoll biex ma jkunux ta' periklu. Kif rappreżentanti tas-soċjetà attriċi daħlu fil-lifts l-ewwel darba, huma bdew jilmentaw dwar id-daqs mas-soċjetà konvenuta kif ukoll mas-soċjetà kjamata fil-kawża u wara li fallew it-trattativi bejn il-partijiet sabiex tinstab soluzzjoni, s-soċjetà attriċi qalgħet dawn il-lifts u ddepożitathom mal-kunsinnatarju Anthony Mifsud li xehed f'dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe` każ ma jirriżultax illi s-soċjetà konvenuta qiegħda tilmenta li s-soċjetà attriċi ma rrifjutatx il-lifts in kwistjoni skont ma huwa aċċettat fil-ġurisprudenza.

Fil-mertu, il-Qorti sejra tibda billi tagħmel riferenza għall-konklużjoniet tal-perit tekniku. Dwar kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Vella Carmel vs Sammut Victor, deċiża fit18 ta' Frar 2004 fejn intqal:

> "Issa huwa pacifiku f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakoltà lilha koncessa b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967."

Huwa minnu li skont l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha.

> "Dan però ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami." (Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1998).

Gie wkoll sewwa ritenut illi:

> "f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana

> mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" (Benjamin Camilleri nomine vs Charles Debattista nomine, deciza mill-Qorti talAppell fid-9 ta' Frar 2001).

Fir-relazzjoni tiegħu, l-inġinier Ray Spiteri jikkonkludi li għalkemm il-piż illi tiflaħ il-kabina ta' kull lift hija ta' 600kg u għalhekk hija skont l-istandard 'EN81' kif mitlub mis-soċjetà attriċi, huwa fiżikament impossibli li fil-lifts in kwistjoni joqgħodu tmien persuni kif mitlub minħabba d-daqs tal-kabini. Iżda l-perit tekniku sab illi dan kien attribwibbli għall-fatt illi x-shafts tal-lifts kienu żgħar wisq biex jesgħu kabina ta' lift ta' tmien persuni kull wieħed. Filfatt, jirriżulta li wara li s-soċjetà attriċi neħħiet il-lifts minn fuq il-post u ddepożitathom għand il-kunsinnatarju, hija ma installatx minflokhom żewġ kabini akbar iżda għamlet tibdiliet strutturali fil-post billi waqqgħet ix-shafts eżistenti u minflok installat lift wieħed li jesa' għaxar persuni. Dan jikkonferma l-konklużjoni tal-perit tekniku li fix-shafts li kien hemm, qatt ma setgħu jiġu nstallati lifts ta' tmien persuni kull wieħed.

Jirriżulta li t-tender document ġie preparat mis-soċjetà kjamata fil-kawża Engineering Services Limited. Fost il-kundizzjonijiet hemm indikat ċar illi l-kabini in kwistjoni jridu jkunu jesgħu tmien persuni. Speċifikament, fost il-kundizzjonijiet tat-tender imsemmi kien hemm miktub ukoll illi 'The internal floor area shall be in accordance with EN81.' L-inġinier Paul Cardona inkarigat mis-soċjetà attriċi sabiex jagħmel rapport dwar il-lifts in kwistjoni jgħid illi skont 'EN81' kabina ta' lift li tesa' tmien persuni trid tkun ta' 1.6 metri kwadri. Skont il-perit tekniku l- 'EN81' li esebixxa estratt minnu mar-relazzjoni tiegħu, jgħid illi l-minimu huwa kabina ta' 1.45 metri kwadri għal tmien persuni. Dan l-istandard jistabbilixxi wkoll illi l-kabina tal-lift għandha tiflaħ piż komplessiv ta' 600kg. Ix-shafts tal-lifts kienu oriġinarjament ta' madwar 2.58 metri kwadri kull wieħed. Il-Qorti tibda billi tgħid illi ssibha diffiċli sabiex temmen illi ssoċjetà attriċi ma vverifikatx jekk kabina tal-lift tad-daqs neċessarju sabiex jesa' tmien persuni kienx effettivament joqgħod fix-shaft eżistenti. Speċjalment meta wieħed jikkunsidra li bejn il-qies tax-shaft u l-qies tal-kabina kif kellha tkun skont l-istandard applikabbli hemm biss differenza ta' madwar metru kwadru. Anke mingħajr għajnuna teknika l-Qorti hija tal-fehma li s-soċjetà attriċi, jekk ma kinitx taf, kellha tivverifika jekk l-ispazju eżistenti kienx biżżejjed sabiex tiġi installata kabina skont l-istandard rikjesti mill-attriċi stess, għaliex jekk le, għandha tapplika r-regola 'imperitia culpae adnumeratur' għaliex huwa mistenni minn bniedem prattiku li jivverifika jekk id-daqs tax-shaft kienx adegwat għal lift ta' tmien persuni.

Kif diġà ngħad il-perit tekniku kkonferma li f'shaft ta' dak il-qies qatt ma seta' jiġi installat lift ta' tmien persuni skont listandards stabbiliti. Fil-fehma tal-Qorti, is-soċjetà attriċi ma tistax tippretendi li hija ġiet konsenjata prodott mhux tal-kwalità mifthema meta jirriżulta li kien fiżikament impossibli għas-soċjetà konvenuta li tipprovdi dak mitlub fit-tender.

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti sejra issa tqis ix-xorta ta' ftehim bejn il-partijiet. Dan fil-fehma tal-Qorti, huwa l-pern tal-vertenza. Dan qiegħed jingħad għaliex is-soċjetà attriċi xorta waħda ma tistax tirnexxi fl-azzjoni tagħha u tikseb dikjarazzjoni li l-lifts in kwistjoni ma kienux tal-kwalità pattwita jekk jirriżulta li l-ftehim bejn il-partijiet ma kienx illi s-soċjetà konvenuta Lifts Services Limited tipprovdi kabini tal-lifts tad-daqs li qiegħda tgħid l-attriċi. Għaldaqstant, il-Qorti trid tindaga x'kien il-ftehim bejn il-partijiet u sa fejn jista' jingħad li kien hemm xi kwalita' diversa minn dik attwalment miftehma.

Infatti jirriżulta li l-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar x'kien il-ftehim attwali fuq il-qies ta' dawn il-lifts. Filwaqt illi Franco Gové, għas-soċjetà attriċi jisħaq illi huma kienu ċari kemm mas-soċjetà konvenuta u kif ukoll mal-inġiniera tagħhom, kjamati fil-kawża li l-lifts in kwistjoni kellhom jesgħu tmien persuni u jkunu spazjużi biżżejjed sabiex jakkomodaw persuna b'wheelchair, Charles Farrugia għan-nom tas-soċjetà konvenuta kif ukoll l-inġinier Oliver Aquilina għan-nom tas-soċjetà kjamata fil-kawża jgħidu li r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi kienu konsapevoli illi kien fiżikament impossibbli li fix-shafts eżisteni jiġu nstallati lifts illi jesgħu tmien persuni. Charles Farrugia fl-affidavit tiegħu jgħid illi Franco Gove kien filfatt stqar miegħu li huwa kien jaf illi l-lifts ma kienux ser ikunu ta' tmien persuni imma li stenna li ser ikunu tal-inqas akbar milli fil-fatt kienu.

Meta s-soċjetà konvenuta ssottomettiet it-tender tagħha, hija ma kkommettietx ruħha dwar id-daqs tal-kabina iżda kitbet li din trid tiġi stabbilita wara li jiġi verifikat id-daqs tax-shaft. B'żieda ma dan, jirriżulta li permezz ta' fax datata 1 ta' Settembru 2000, u ċioè qabel ma ġie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet, Charles Farrugia għan-nom tas-soċjetà konvenuta kien bagħat pjanta lis-soċjetà konvenuta li turi l-qisien tal-kabina li kienet ser tiġi nstallata. Skont l-ispeċifikazzjoni tekniċi stabbiliti li anke ġew kkonfermati mill-perit tekniku, dawn il-qisien kienu diġà żgħar wisq sabiex il-kabina tesa' tmien persuni iżda Franco Gove għan-nom tas-soċjetà attriċi xorta waħda approva din il-pjanta u dan wara li ddiskutiha ma' rappreżentanti tal-kjamata fil-kawża. Fil-fatt fil-pjanta annessa ma din il-fax is-soċjetà konvenuta kkommettiet ruħha li tipprovdi kabina li tkun ta' 1.044 metri kwadri.

L-inġinier Cardona fir-rapport tiegħu jgħid illi l-kabini in kwistjoni kienu filfatt ta' inqas minn metru kwadru u ċioè 0.942 metru kwadru (1200 x 785). Is-soċjetà konvenuta fil-fatt ikkonfermat lill-perit tekniku li hija kienet qiegħda taqbel ma dawn il-qisien.

Mill-provi prodotti, il-Qorti mhijiex konvinta mqar fuq bażi ta' probabbiltà li bejn il-partijiet qatt kien verament miftiehem illi ser jiġu nstallati lifts li jesgħu tmien persuni u li ser ikunu jistgħu jintużaw minn persuna b'wheelchair. Fir-rigward tal-aċċess għall-persuni b'diżabiltà, il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li bqija tal-binja tas-soċjetà attriċi ma kienitx, filmument relevanti ghal din il-kawza, adegwatament attrezzata sabiex tkun aċċessibbli għall-persuni b'wheelchair. Għalkemm Franco Gové esebixxa ritratt ta' rampa tal-injam li huwa jgħid illi titqiegħed quddiem il-bieb tas-showroom, mhuwiex verosimili u lanqas kredibbli li din ir-rampa li hija pjuttost goffa tinqala' minn post sabiex titqiegħed fl-entratura ta' fejn jinsab il-lift biex persuna b'wheelchair ikun jista' jaċċessa dan il-lift. La s-soċjetà attriċi qatt ma ħadet ħsieb illi tipprovdi aċċess adegwat u prattiku għal persuni f'wheelchair għal dik il-parti tal-binja fejn kienu jinsabu l-lifts, mhuwiex verosimili li meta kienu qegħdin isiru n-negozjati bejn il-partijiet is-soċjetà attriċi kienet tinsisti li dawn il-lifts ikunu jistgħu jintużaw minn persuni b'wheelchair. B'żieda ma dan, ma ġiex spjegat għalfejn kundizzjoni li s-soċjetà attriċi tgħid illi kienet daqsekk importanti ma tissemmiex fit-tender. Finalment, il-Qorti ssibha diffiċli biex temmen li s-soċjetà attriċi pretendiet illi f'shaft ta' fond ta' metru u għoxrin ċentimetru qatt setgħet tiġi nstallata kabina ta' lift li tista' tintuża minn persuna b'wheelchair.

Il-Qorti hija tal-fehma li r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi kienu konsapevoli li x-shafts in kwistjoni kienu żgħar wisq għal lifts ta' tmien persuni kull wieħed. Il-pjanta bil-qisien tal-kabini annessa mal-fax tal-1 ta' Settembru 2000 mhux talli ġiet approvata mis-soċjetà konvenuta, liema fax diġa kienet turi qisien ta' kabini żgħar wisq għal tmien persuni, iżda turi li qabel ma ġie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet, diġà kien hemm diskussjonijiet dwar kif jista' jiġi massimizzat l-ispazju disponibbli u dan fil-fehma tal-Qorti propju għaliex il-partijiet kollha, inkluż is-soċjetà attriċi kienu konxxji li x-shafts kienu żgħar wisq.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak illi jgħid l-inġinier Oliver Aquilina fl-affidavit tiegħu. Huwa jagħmel riferenza għall-rapport illi kienet għamlet is-soċjetà li huwa jirrappreżenta fir-rigward tallift shafts in kwistjoni, liema rapport huwa jgħid illi sar qabel ma ġie preparat it-tender document minn Engineering Services Limited. Huwa jgħid illi f'dan ir-rapport huma kienu infurmaw lis-soċjetà attriċi li x-shafts kienu żgħar wisq sabiex fihom jiġu nstallati lifts ta' tmien persuni u li tkellem verbalment massinjura Nancy Buhagiar għan-nom tas-soċjetà attriċi dwar dan il-punt iżda ġie

> miftiehem illi t-tender document xorta waħda jitlob li l-lift għandu jkun jesa' tmien persuni biex imbaghad jaraw x'suġġerimenti kienu ser joffru l-kuntratturi li jitfgħu lofferta tagħhom għal dan it-tender. Minkejja li għal xi raġuni kopja ta' dan ir-rapport qatt ma ġie preżentant mis-soċjetà kjamata fil-kawża, ma jirriżultax illi s-soċjetà attriċi għamlet kontro eżami tal-inġinier Aquilina. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi meta s-soċjetà kjamata fil-kawża ċċertifikat il-lifts in kwistjoni wara li ġew installati, ma ġiex indikat illi dawn il-lifts jesgħu tmien persuni iżda biss illi kull lift jiflaħ il-piż ta' 600kg.
>
> Il-Qorti tinnota inoltre illi mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjeta` kjamata fil-kawża kienet awtorizzat il-pagamenti lissoċjeta` konvenuta. Fil-fehma tal-Qorti, li kieku l-lifts ma kienux tal-kwalità pattwita, il-pagamenti ma kienux jiġu awtorizzati mill-inġiniera inkarigati mis-soċjetà attriċi. Infatti Franco Gové jikkonferma li mill-prezz miftiehem ta' LM23,000 is-soċjetà attriċi laħqet ħallset lis-soċjetà konvenuta l-ammont ta' Lm18,000.
>
> Finalment, il-Qorti qieset l-affidavit ta' Stefano Cremona, li kien impjegat bħala inġinier mas-soċjeta` Topserv Limited li kienet ukoll issottomettiet l-offerta tagħha għall-provvista ta' dawn il-lifts. Huwa jikkonferma li waqt laqgha li huwa kellu ma Nancy Buhagiar għan-nom tas-soċjetà attriċi, huwa kien infurmaha li fix-shafts eżistenti kien impossibbli li joqgħodu lifts ta' tmien persuni.
>
> Il-Qorti mhijiex teskludi li kien hemm nuqqasijiet kemm da parti tas-soċjetà konvenuta li ffirmat ftehim li jagħmel riferenza għall-kundizzjonijiet illi ma setgħu qatt jiġu rispettati, u kemm nuqqas professjonali da parti tas-soċjetà kjamata fil-kawża li preparat dokument li titlob speċifikazzjonijiet li kienu impossibli li jiġu implimentati fuq il-post. Iżda fil-fehma tal-Qorti ċ-ċirkostanzi tal-każ juru li s-soċjetà attriċi qatt ma kienet qiegħda tippretendi lift illi jesa' tmien persuni, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li kien fiżikament impossibli li dawn l-ispeċifikazzjonijiet jintlaqgħu."

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

17. Il-Qorti ser tibda billi tqis l-argumenti tas-soċjeta` attriċi kontra l-perizja teknika tal-espert maħtur mill-Ewwel Qorti, l-Inġinier Ray Spiteri. Il-Qorti tosserva li l-kwistjoni dwar l-allegat kunflitt ta' interess tal-Inġinier Ray Spiteri kienet diġa` tqajmet quddiem l-Ewwel Qorti. Jirriżulta fil-fatt li

wara rikors ippreżentat mis-soċjeta` attriċi l-Ewwel Qorti kienet ordnat l-isfilz tar-relazzjoni teknika tal-Inġinier Spiteri u rrevokat l-inkarigu tal-istess permezz ta' digriet datat 20 ta' Marzu 2012 (*fol* 752). Dan wara li kien ġie allegat kunflitt ta' interess għaliex l-Inġinier Spiteri kien ġie kkonsultat mill-Inġinier Paul Cardona, l-espert *ex parte* li kien ġie nkarigat mis-soċjeta` attriċi, u li fil-fatt kien xehed f'dawn il-proċeduri u preżenta rapport *ex parte.* Jirriżulta li l-Inġinier Spiteri kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti dwar dan u kien spjega li fl-2001 u fl-2002 l-Inġinier Paul Cardona kien talbu parir dwar kif tinħadem il-matematika u kif isir il-kalkolu sabiex tiġi ddeterminata l-adegwatezza ta' mutur ta' *lift,* u li huwa kien tah parir ta' ħabib, mingħajr ma kien jaf min kienu l-klijenti tal-Inġinier Cardona. Jirriżulta wkoll li waqt dik l-istess seduta tal-25 ta' Jannar 2012 ġie traskritt li "F'dan l-istadju l-partijiet jaqblu illi m'huwiex kontestat illi l-parir li ngħata lil Paul Cardona ma kellu ebda relazzjoni mar-rapport li eventwalment ippreżenta lill-Qorti l-Inġinier Spiteri." Wara d-digriet imsemmi tal-Ewwel Qorti tal-20 ta' Marzu 2012 is-soċjeta` konvenuta preżentat rikors fl-4 ta' Settembru 2012 fejn għamlet referenza għal din ix-xhieda tal-Inġinier Spiteri u talbet sabiex jiġi rrevokat id-digriet tal-20 ta' Marzu 2012. L-Inġinier Ray Spiteri ukoll talab ir-revoka tal-istess digriet permezz ta' rikors datat 7 ta' Settembru 2012. Is-soċjeta` attriċi preżentat risposta għaż-żewġ rikors u ssottomettiet li għandhom jiġu miċħuda. Wara li rat ir-rikorsi u r-risposti msemmija, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet u rrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-20 ta' Marzu 2012, u dan permezz

ta' digriet datat 7 ta' Jannar 2013. Fl-14 ta' Jannar 2013 is-soċjeta` attriċi preżentat rikors permezz ta' liema talbet lill-ewwel Qorti awtorizzazzjoni sabiex tappella mid-digriet imsemmi, liema talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat 26 ta' Frar 2013. Inoltre`, għalkemm is-soċjeta` attriċi irtirat ir-rinunzja għat-talba għall-ħatra ta' periti perizjuri fl-14 ta' Jannar 2013 ma jirriżultax li hija effettivament għamlet xi talba għall-ħatra ta' periti perizjuri wara li ġiet preżentata r-relazzjoni tal-Inġinier Ray Spiteri.

18. Din il-Qorti hija tal-fehma għalhekk illi s-soċjeta` attriċi ma tistax issa tippretendi li din il-Qorti ma tikkonsidrax ir-relazzjoni teknika tal-Inġinier Ray Spiteri, jew li tidħol fil-kwistjoni dwar l-allegat kunflitt ta' interess li kellu. Din il-kwistjoni ġiet deċiża mill-Ewwel Qorti permezz tad-digriet tas-7 ta' Jannar 2013 u s-soċjeta` attriċi ma ressqet l-ebda appell minn dan. Għalhekk, ġialadarba din il-Qorti ma ġietx mitluba sabiex tirrevoka dak id-digriet, is-soċjeta` attriċi ma tistax tippretendi li l-Qorti tiddetermina mill-ġdid l-allegazzjoni ta' kunflitt ta' interess tal-istess Inġinier u li ma tikkonsidrax dik ir-relazzjoni. Inoltre`, il-Qorti tosserva li s-soċjeta` attriċi lanqas biss għamlet talba għall-ħatra ta' periti perizjuri. Kien jispetta lis-soċjeta` attriċi, debitament assistita mill-avukati difensuri tagħha, li tieħu ħsieb l-interess tagħha fil-kawża. Jekk kellha xi dubju dwar l-affidabilita` tar-relazzjoni teknika tal-Inġinier Spiteri kellha titlob il-ħatra ta' periti perizjuri jew tappella mid-digriet imsemmi, u jekk hija naqset milli tagħmel dan *imputet sibi.* Il-Qorti tosserva wkoll li qajla tista' tinjora r-

relazzjoni teknika tal-Inġinier Spiteri u tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rapport *ex parte* tal-Inġinier Cardona meta rriżulta li l-*lifts* m'humiex il-linja ta' *expertise* tal-istess Inġinier, li *ex admissis* qal li għandu verament ftit esperjenza f'dan is-settur. Fil-fatt jirriżulta li meta ġie nkarigat mis-soċjeta` attriċi l-Inġinier Cardona talab parir dwar kif isiru l-kalkoli sabiex jiġi determinat il-*load* li jiflaħ mutur ta' lift, li juri li l-Inġinier Cardona m'għandux dik il-kwalita` ta' għarfien u esperjenza fis-settur li tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tiskarta r-relazzjoni teknika tal-espert maħtur mill-Qorti u minflok tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq ir-rapport *ex parte* tal-Inġinier Cardona preżentat mis-soċjeta` attriċi.

19. Dwar l-argument tas-soċjeta` attriċi li l-Inġinier Spiteri rrifjuta li jikkonsidra x'kienet ir-responsabbilita` tas-soċjeta` konvenuta in kawża talli aċċettat li toħroġ sejħa għall-offerti b'"*fairy tale request"* il-Qorti tosserva illi la kien l-inkarigu u lanqas il-kompitu tal-Inġinier Spiteri li jasal għal xi konklużjonijiet dwar ir-responsabbilita o meno ta' xi ħadd mill-konvenuti. L-Inġinier Spiteri ġie inkarigat bħala perit tekniku sabiex jasal għall-konklużjonijiet tekniċi dwar il-*lifts* in kwistjoni. Kwistjonijiet dwar responsabbilita huma punti legali, li għandhom jiġu determinati mill-Qorti u mhux mill-perit tekniku.

20. Fil-mertu, il-Qorti tqis li huwa nfondat l-argument tas-soċjeta` attriċi li l-Ewwel Qorti marret kontra l-prinċipju ta' *contra testimonium scriptum*

*testimonium non scriptum non fertur."* Skont il-ġurisprudenza, għalkemm huwa minnu li bħala regola m'humiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub, din ir-regola m'hijiex waħda assoluta u hemm ċirkostanzi fejn fil-fatt ma tapplikax. Huwa minnu wkoll li skont din ir-regola m'humiex ammessi provi orali biex ifissru dak li diġa` huwa ċar. Pero` fil-fehma ta' din il-Qorti l-ftehim tal-partijiet li s-soċjeta` konvenuta kellha tissuplixxi u tinstalla żewġ *lifts* li kull wieħed minnhom huwa kbir biżżejjed biex jakkomoda tmien persuni m'huwiex ċar fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u għalhekk hemm il-ħtieġa ta' provi oħra sabiex il-Qorti tkun tista' tifhem x'kienet il-vera intenzjoni tal-partijiet.

21. Mill-provi jirriżulta b'mod ċar li x-*shafts* li kien hemm fil-binja tas-soċjeta` attriċi fejn kellhom jiġu nstallati dawn il-*lifts* ma kinux kbar biżżejjed sabiex jakkomodaw *lifts* li jesgħu tmien persuni kull wieħed. Għalkemm is-soċjeta` attriċi tipprova targumenta mod ieħor, mill-provi jirriżulta ċar li oġġettivament ix-*shafts* ma kinux kbar biżżejjed għal dan l-iskop. Skont il-perizja teknika (*fol.* 772 – 773), jirriżulta li skont l-i*standard* internazzjonali applikabbli, u ċioe` ISO 4190-1 *shaft* għal *lift* ta' tmien persuni "*with 900m side opening doors and side counterweight"* irid ikollu daqs ta' 1.7m wisgħa u 1.9m tul, filwaqt li *lift* ta' tmien persuni "*with centre opening doors with rear counterweight as commonly used in commercial buildings*" irid ikollu daqs ta' 2m wisgħa u 2.1m tul. Mill-istess perizja jirriżulta wkoll, u dan m'huwiex fatt kontestat, li l-qisien tax-*shafts* li kien

hemm fil-binja tas-soċjeta` attriċi huma ta' 2.15m wisgħa u 1.2m tul. Skont il-klawsola 6.1 tat-*tender* is-soċjeta` attriċi riedet *centre opening doors* (*fol.* 9), u għalhekk id-daqs tax-*shaft* kellu jkun ta' 2m wisgħa u 2.1m tul.  Għalhekk jirriżulta b'mod oġġettiv li x-*shafts* li kien hemm fil-binja tas-soċjeta` attriċi ma kinux kbar biżżejjed sabiex jakkomodaw *lifts* ta' tmien persuni peress li hemm diskrepanza ta' kważi metru fit-tul meħtieġ.

22. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk is-soċjeta` attriċi riedet illi jiġu nstallati *lifts* kbar biżżejjed għal tmien persuni, kellha l-obbligu li tipprovdi *shafts* li jakkomodaw dawn il-lifts.  Jirriżulta illi dan m'għamlitux, u kienet taf b'dan kollu meta ffirmat il-ftehim ma' Lifts Services Limited u għalhekk b'dan l-istess aġir tagħha impliċitament aċċettat li tixtri *lifts* iżgħar li joqogħdu fix-*shafts* mibnija minnha stess fil-proprjeta` tagħha.

23. Jirriżulta fil-fatt li s-soċjeta` attriċi kienet taf li x-*shafts* mibnija minnha ma kinux kbar biżżejjed qabel ma ġie ffirmat il-ftehim ta' Lifts Services Limited, kemm għaliex ġiet informata dwarha mis-soċjeta` kjamata in kawża u kemm għaliex kien hemm kumpanija offerenti oħra, u ċioe` Topserv, li għarrfet lis-soċjeta` attriċi li x-*shafts* li kien hemm fil-binja ma kinux kbar biżżejjed biex jakkomodaw il-*lifts* li kienet qed titlob, u ghalkemm ghamlu l-offerta taghhom giet accettata l-offerta tas-soċjeta` konvenuta. Inoltre jirrizulta li s-soċjeta` konvenuta kienet għarrfet lis-

soċjeta` attriċi dwar id-daqs tal-kabini tal-*lifts* li kienet qed toffri li tissuplixxi u tinstalla billi bagħtet pjan tagħhom bil-qisien permezz ta' *fax* datat 1 ta' Settembru 2000 u jirriżulta li s-soċjeta` attriċi kienet aċċettat il-*lifts* b'dawn il-qisien. Il-kuntratt jesiġi l-installazzjoni ta' *lifts* li oġġettivament huma kbar wisq għax-*shafts* li kien diġa` hemm fil-binja u li huma akbar mil-*lifts* li ġew proposti mis-soċjeta` konvenuta fl-1 ta' Settembru 2000 u aċċettati mis-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` konvenuta, nonostante l-kliem tal-kuntratt, ma setgħetx tagħmel l-impossibbli fix-*shafts* provduti mis-soċjeta` attriċi.

24. Tirriżulta li hija inutli għalhekk l-insistenza tas-soċjeta` attriċi li fl-opinjoni tagħha x-*shafts* kienu kbar biżżejjed, għaliex din m'hijiex kwistjoni ta' opinjoni iżda kwistjoni ta' fatti oġġettivi. Fi kwalunkwe` każ, din l-opinjoni tas-soċjeta` attriċi li x-*shafts* kienu kbar biżżejjed sabiex jakkomodaw *lifts* ta' tmien persuni kull wieħed hija mxejna mill-fatt li wara li tneħħew il-*lifts* installati mis-soċjeta` konvenuta, twaqqgħu ż-żewġ *shafts,* inbena *shaft* wieħed minflok u fih ġie installat *lift* ta' għaxar persuni biss. Inoltre, fir-rigward tal-allegazzjoni tas-soċjeta` attriċi li kien ikun possibbli li jiġi nstallat *lift* ta' tmien persuni li kieku dan il-*lift* sar *made to measure* il-Qorti tirrileva li l-ebda prova ma ġiet prodotta li dan kien ikun il-każ, u l-Qorti issibha ferm diffiċli temmen dan ikkonsidrat ir-riżultanzi oġġettivi dwar il-qies tax-*shafts* u d-diskrepanza bejn dawn il-qisien u l-i*standards* applikabbli.

25. Il-Qorti rat li skont ix-xhieda tal-Inġinier Oliver Aquilina s-soċjeta` attriċi kienet konsapevoli li x-*shafts* kienu żgħar wisq għal-*lifts* li kienu qed jiġu mitluba u li l-ideja tas-soċjeta` attriċi kienet li din il-kondizzjoni titħalla hemm ħalli jaraw x'kien l-akbar *lift* li l-offerenti setgħu jinstallaw fix-*shafts* eżistenti. Il-Qorti tqis li din ix-xhieda hija kredibbli u m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiġi dubitata, partikolarment ikkonsidrat il-fatt li mhux biss dan ix-xhud ma ġiex kontro-eżaminat, iżda wkoll li x-xhieda tiegħu hija spjegazzjoni ferm loġika tar-raġuni għalfejn tħalliet kondizzjoni oġġettivament impossibbli fis-sejħa għall-offerti. Barra minn hekk, u a kuntrarju ta' dak argumentat mis-soċjeta` attriċi, ix-xhieda tiegħu tinsab korroborata mix-xhieda tal-Inġinier Stefano Cremona li xehed li dak iż-żmien huwa kien impjegat mal-kumpanija Topserv Ltd li kienet ukoll għamlet offerta sabiex tissuplixxi u tinstalla *l-lifts* in kwistjoni u kienet qalet lil Nancy Buhagiar, is-sid tas-soċjeta` attriċi, kemm fl-offerta tagħha u kemm waqt laqgħa li kellhom, li *lift* ta' tmien persuni ma kienx possibbli li joqgħod fix-*shaft* li kien hemm fil-binja. Mill-istess xhieda tal-Inġinier Stefano Cremona jirriżulta li huwa kien fil-fatt wera pjanta lil Buhagiar sabiex tifhem kemm ried ikun kbir ix-*shaft* sabiex ikun jista' jakkomoda l-*lift* li kien qiegħed jiġi mitlub. Din ix-xhieda ta' Stefano Cremona ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mis-soċjeta` attriċi, tant illi dan ix-xhud lanqas biss ġie kontro-eżaminat. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tiskarta din ix-xhieda, ikkonsidrat illi Cremona huwa xhud

indipendenti li m'huwa bl-ebda mod involut fil-kwistjoni ta' bxejn il-partijiet u ma tirriżulta l-ebda raġuni għalfejn għandha tiġi dubitata x-xhieda tiegħu.

26. Il-Qorti tqis ukoll li s-soċjeta` attriċi ma tistax targumenta li ġiet indotta f'xi żball jew li s-soċjeta` konvenuta ħbiet minnha d-daqs tal-*lifts* li kienet ser tinstalla, ikkonsidrat li s-soċjeta` konvenuta kienet bagħtet lis-soċjeta` attriċi pjanta bil-qisien tal-*lifts* li kienet qed tipproponi li tinstalla, u din il-pjanta ġiet aċċettata mis-soċjeta` attriċi mingħajr l-ebda kondizzjoni jew kwalifika. Ġialadarba ġie stabbilit bħala fatt oġġettiv u konkret li fix-*shafts* ma setgħu qatt joqogħdu *lifts* kbar biżżejjed biex jakkomodaw tmien persuni, u ġialadarba jirriżulta li s-soċjeta` attriċi kienet taf b'dan, u kienet taf bid-daqs tal-*lifts* li kienu ser jiġu nstallati mis-soċjeta` attriċi, il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li s-soċjeta` konvenuta ma provdietx lis-soċjeta` attriċi b'*lifts* tal-kwalita pattwita. Fil-fehma ta' din il-Qorti m'għandux ikun li s-soċjeta` attriċi titħalla tigwadanja minn sitwazzjoni li ġabet b'ideja hija stess. Inoltre, fir-rigward tal-argument tas-soċjeta` attriċi li kienet lesta li tagħmel kwalunkwe` alterazzjonijiet strutturali neċessarji sabiex jiġu akkomodati l-*lifts* li riedet jirriżulta mix-xhieda ta' Franco Gove li meta s-soċjeta` konvenuta proponiet li jitwaqqgħu l-ħajt ta' wara u ta' quddiem tax-*shafts* sabiex jintrebaħ aktar spazju, din il-proposta ġiet irrifjutata mis-soċjeta` attriċi.

27. Il-Qorti lanqas ma taqbel mas-soċjeta` attriċi li skont il-kuntratt il-*lifts* suppliti u nstallati mis-soċjeta` konvenuta kellhom jakkomodaw *wheelchairs.* Jirriżulta li l-leġislazzjoni dwar l-aċċessibilita` għall-utenti ta' *wheelchairs* daħlet fis-seħħ wara li nħarġet is-sejħa għall-offerti bil-kondizzjonijiet tal-appalt u wara li s-soċjeta` attriċi u s-soċjeta` konvenuta ffirmaw il-ftehim in kwistjoni, u ċioe` f'Ottubru 2000. Skont dan il-ftehim is-soċjeta` konvenuta ntrabtet li tissuplixxi u tinstalla *lifts* li jirrispettaw il-liġijiet u r-regoli applikabbli. Fil-fehma tal-Qorti pero`, dan ma jfissirx li din il-klawsola fil-ftehim tfisser li l-*lifts* li kellhom jiġu suppliti mis-soċjeta` konvenuta kellhom ikollhom kapaċita` li jakkomodaw *wheelchairs.* Il-fatt li l-liġi daħlet fis-seħħ wara li dan il-ftehim bejn il-partijiet ġie ffirmat jelimina l-possibilita li l-partijiet kellhom f'moħħhom l-obbligu li l-*lifts* ikunu kapaċi jakkomodaw *wheelchairs.* Kif qalet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza fl-ismijiet D sive D k/a G X vs R G X tat-30 ta' April 2013 "Id-dħul fis-seħħ tal-emenda ghall-Kodiċi Ċivili ma kelliex l-effett li tvarja jew tinnewtralizza xi parti mill-ftehim tal-partijiet kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejniethom. L-obbligu tal-attur kif stipulat fil-kuntratt baqa' invarjat wara l-emenda fil-liġi in diżamina."

28. Għalhekk il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha, u għaldaqstant qed tiċħad dan l-aggravju.

It-Tieni Aggravju

29. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti targumenta li s-soċjeta` kjamata in kawża Engineering Services Limited setgħet tinstab responsabbli sabiex twieġeb għat-talbiet attriċi fuq bażi differenti minn dik ikkontemplata fl-att promotur, u dan sija skont il-loġika kif ukoll skont il-ġurisprudenza, u ssostni li għalhekk is-soċjeta` kjamata in kawża kellha tiġi kkundannata solidalment mas-soċjeta` konvenuta. Tgħid li hemm diversi sentenzi li jgħallmu li m'huwiex meħtieġ li l-kjamat jissemma fil-premessi jew li l-att promotur jsemmi l-bażi legali għar-responsabbilita tiegħu, dment illi r-rimedju mitlub ikun tali li jista' jiġi applikat għalih, u dment illi l-bażi legali għar-responsabbilita` tiegħu toħroġ mill-provi. Targumenta li s-soċjeta` kjamata in kawża żgur li ma tistax tiddefendi ruħha billi ssostni li l-attriċi riedet xi ħaġa impossibbli, għaliex allura kien fid-dmir professjonali tagħha li tinfurmaha li dak li riedet kien impossibbli u li tirrifjuta l-inkarigu. Issostni li la aċċettat l-inkarigu jfisser li ħadet ir-responsabbilita` għalih, għaliex il-presunzjoni legali hi li l-professjonist huwa responsabbli għall-egħmil tiegħu nonostante kull ftehim mal-klijent. Tgħid li l-provi juru biċ-ċar li s-soċjeta` kjamata in kawża kienet involuta fi frodi li kienet qed twettaq is-soċjeta` konvenuta a skapitu tal-attriċi meta approvat il-ħlas tal-lifts minkejja li kellhom tabella b'dikjarazzjoni falza u kienu jmorru kontra r-regolamenti in vigore.

30. Is-soċjeta` kjamata in kawża Engineering Services Limited issostni li l-Ewwel Qorti korrettement stabbiliet li l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni hija disponibbli biss lill-kompratur kontra l-venditur. Targumenta li t-talbiet attriċi ma jolqtux lilha u lanqas ma jistgħu jiġu ndirizzati lejha peress illi hija ma biegħet xejn lill-attriċi u għalhekk la jista' jiġi ordnat it-tħassir tal-bejgħ fil-konfront tagħha u wisq anqas ma tista' tiġi kkundannata tirrifondi prezz li qatt ma rċeviet. Iżżid illi hija lanqas ma ntrabtet b'xi appalt għall-istallazzjoni jew il-manutenzjoni tal-*lifts.* Tgħid għalhekk li huwa ċar li hija m'hijiex leġittimu kontradittur fil-kawża kif proposta, la fir-rigward tal-premessi u lanqas fir-rigward tat-talbiet. Targumenta wkoll li m'huwiex il-każ li tingħata deċiżjoni fuq talbiet jew kawżali legali differenti għaliex l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti teżerċita l-ġudizzju tagħha. Dwar l-argument tas-soċjeta` attriċi li s-soċjeta` kjamata in kawża kkommettiet xi frodi kontra tagħha, tgħid illi l-frodi qatt ma kienet waħda mill-kawżali tal-kawża preżenti u m'huwiex ammissibbli li jinbidlu l-kawżali jew it-talbiet tal-azzjoni, aktar u aktar f'dan l-istadju inoltrat.

31. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti ser tqis l-ewwelnett l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà kjamata fil-kawża Engineering Services Limited li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi. Kif spjegat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Burmarrad Commercials Limited vs Desmond Mizzi et, deċiża fit-28 ta' Frar 2007:

> "b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni t'effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar."

Il-Qorti kompliet ukoll billi qalet:

> "Huwa ferm evidenti minn natura u l-kontenut ta' dawn l-aggravji illi dak li jitqies primarju li jigi investigat hi x-xorta ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet in kwantu minnha jrid imbaghad jirrizulta jekk l-appellanti kellux jitqies bhala l-legittimu kontradittur di fronte ghas-socjetà attrici."

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 sostniet illi:

> "Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinsab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korretament f'dan il-kaz – illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neccessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozzju u allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."

Għaldaqstant għandu jiġi eżaminat jekk is-soċjetà kjamata fil-kawża għandhiex tabilħaqq rapport proċesswali mad-domandi attriċi u allura għandhiex tikkonfigura bħala l-kontradittur leġittimu. Kif tajjeb eċċepiet Engineering Services Limited, hija qatt ma biegħet jew provdiet lifts u lanqas ma ntrabtet b'ebda appallat għall-installazzjoni jew manutenzjoni tal-istess lifts mas-soċjetà attriċi. In kwantu li din l-azzjoni hija strettament ibbażata fuq l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu jipprovdi għar-rimedji tax-xerrej kontra l-bejjiegħ, is-soċjetà Engineering Services Limited ma tistax twieġeb għad-domandi attriċi li jistgħu jkunu diretti biss lejn is-soċjetà konvenuta li pprovdiet il-lifts li minnhom qiegħda tilmenta l-attriċi. Dan indipendentement mill-fatt illi Engineering Services Limited kienet involuta fil-proċess tat-tender u approvazzjoni ta' dawn il-lifts. Fit-termini tal-azzjoni proposta l-Qorti qatt ma tista' ssib illi s-soċjetà kjamata fil-kawża, li ma biegħet ebda lift lis-soċjetà attriċi, għandha twieġeb hi għat-talbiet attriċi għaliex din mhijiex azzjoni għad-danni bbażata fuq id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi u għaldaqstant l-eċċezzjoni

> tagħha li mhijiex illeġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi sejra tintlaqa'."

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

32. Is-soċjeta` attriċi tibbaża dan l-argument tagħha primarjament fuq is-sentenza fl-ismijiet Joseph u Monica konjuġi Grima et v. Pierre Buontempo et mogħtija minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 2014. Pero` f'dik is-sentenza l-imsejjaħ fil-kawża instab li jista' jiġi kkundannat flimkien mal-konvenuti oriġinali għaliex il-kawża kienet titratta egħmil frawdolenti li fih il-kjamat in kawża u l-konvenuti oriġinali instabu li kienu ppartecipaw flimkien. Għalhekk il-bażi fattwali u legali tal-azzjoni attriċi f'dik il-kawża kienet l-istess kemm fil-konfront tal-konvenuti oriġinali u kif ukoll fil-konfront tal-imsejjah fil-kawża, u dan apparti li, kif ġie rilevat mill-Qorti f'dik is-sentenza, il-liġi stess espressament tipprovdi għal responsabbilita *in solidum* fil-każ ta' persuni li jkunu mxew dolożament. Sabiex tipprova toħloq analoġija ma' din is-sentenza ċitata minnha s-soċjeta` attriċi targumenta li l-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża kienu kompliċi fi frodi kommess a skapitu tagħha. Il-Qorti tosserva pero` li s-soċjeta` attriċi fl-ebda stadju tal-kawża qabel issa ma għamlet din l-allegazzjoni. Għalhekk dan l-argument huwa insostenibbli għaliex jikkostitwixxi *noviter deductus* mhux permess f'dan l-istadju tal-proċeduri.

33. Il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li s-soċjeta` kjamata in kawża Engineering Services Limited m'hijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża kif ġiet impostata. Is-soċjeta` attriċi ma kkontestatx il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li din l-azzjoni hija bbażata fuq l-istitut tal-bejgħ, u b'mod partikolari fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti, din l-azzjoni hija mogħtija lill-kompratur kontra l-bejjiegħ, u huwa indiskuss li din m'hijiex ir-relazzjoni ġuridika ta' bejn is-soċjeta` attriċi u s-soċjeta` imsejħa fil-kawża. Is-soċjeta` imsejħa fil-kawża ma biegħet l-ebda *lift* lill-attriċi, u ma kien hemm l-ebda obbligu kontrattwali impost fuqha li tipprovdi xi *lifts* ta' kwalita partikolari. Il-Qorti tosserva li a kuntrarju ta' dak argumentat mis-soċjeta` attriċi, skont il-ġurisprudenza l-Qrati Superjuri jimxu fuq il-kawżali kif imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni, u "m'huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni" (Kollez. Vol. XLVIII.ii.777). F'dan il-każ huwa ċar li s-soċjeta` imsejħa fil-kawża m'hijiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet attriċi, li huma kollha bbażati fuq l-istitut tal-bejgħ, u għalhekk m'hemm l-ebda talba li għaliha tista' tirrispondi s-soċjeta` imsejjha fil-kawża.

34. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tas-soċjeta` attriċi u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto,* bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr